**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Simone Grech B.A., LL.D., Mag. Jur (EU Law) Adv. Trib. Ecc. Melit**

**Illum 14 ta' Novembru, 2018**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Maria Fenech**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Maria Fenech, ID 281199M u cioe' illi:

L-imputata akkuzatha talli fi 28 ta' Frar 2018 ghall-habta ta' 16.15 hrs gewwa l-istabiliment Moda Bagno fi Triq l-Intornjatur l-Imriehel

1) hebbejt ghal Joanne Gatt u kkagunajtilha offiza ta' natura hafifa skond kif iccertifikat minn Dr Jennifer Sultana Reg 3500C Mercieca Reg 2251 tal-G/H/C

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tapplika l-art 412c tal-Kap 9.

Rat id-dokumenti ezebiti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet ix-xhieda.

Semghet trattazzjoni.

Rat l-atti kollha;

Rat l-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi mismugha, irrizulta lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi sehh argument bejn l-imputata u l-parte civile, bil-konsegwenza li l-parte civile sofriet griehi hfief ikkagunati mill-imputata. Gie ppruvat li entrambi l-imputata u l-parte civile kienu maqbudin f' xulxin waqt dan l-argument.

Fir-rigward ta' piena, din il-Qorti tqies li ghandha tapplika l-artikolu 221(3)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 221(1) u (3)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjoni migjuba mressqa fil-konfront taghha u tikkundanaha ghal hlas ta' ammenda ta' mitt Ewro.

**Magistrat** **Deputat Registratur**